SECRET - CABINET PAPERS

(7)

MINUTI

Laqgha tal-Kabinett Nru 39

Il-Palazz, 27 ta' Mejju 1980

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Prezenti:-

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor Joseph Cassar | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji u tal-Poplu |
| L-Onor Agatha Barbara | Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura |
| L-Onor Lorry Sant | Ministru tax-Xoghlijiet u Sport |
| L-Onor Wistin Abela | Ministru ta' l-Izvilupp, Energija, Port u Telekomunikazzjonijiet |
| L-Onor Freddie Micallef | Ministru tal-Biedja u Sajd |
| L-Onor Patrick Holland | Ministru tal-Kummerc, Industrija, Industriji Parastatali u tal-Poplu |
| L-Onor Vincent Moran | Ministru tas-Sahha u l-Ambjent |
| L-Onor Danny Cremona | Ministru tat-Turizmu |
| L-Onor Philip Muscat | Ministru ta' l-Edukazzjoni |
| L-Onor Joe Brincat | Ministru tal-Gustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament. |

Prezenti wkoll:-

| | |
|---|---|
| Dott C Mifsud Bonnici | |
| Is-Sur Joe Borg | |
| Is-Sur George Agius | |
| Is-Sur H Coppini | |
| Is-Sur E W Micallef | Segretarju |

MINUTI

Il-Ministri approvaw il-Minuti tal-laqgha Nru 38.

2/...

NEGOZJATI MAL-LIBJA

Il-Prim Ministru ta dettalji dwar in-negozjati li saru bejn delegazzjoni Maltija u delegazzjoni Ministerjali li kienet giet apposta mill-Libja. Gibed l-attenzjoni tal-Kabinett li ghall-ewwel darba l-Libja kienet qeghda titlob li tuza facilitajiet militari f'Malta u li din it-talba qed torbotha mal-kwistjoni tal-provvista taz-zejt, ta' garanzija ghan-"non-alignment" ta' Malta u ta' ghajnuna finanzjarja u ekonomika li lesta biex taghti l-Libja ghal hames snin mill-31 ta' Marzu 1979. Qal lill-Kabinett li d-delegazzjoni Maltija min-naha taghha zammet iebes fuq tlett affarijiet; l-ewwel li Malta tithalla thaffer ghaz-zejt minghajr tfixkil ghalmenu sa 15-il mil il-boghod (lill-hawn) mill-Median Line, it-tieni li mhux se jkun hemm l-ebda facilitajiet tar-radio f'Malta lill-Libjani jekk issa ma jaccettawx din l-ewwel kundizzjoni u t-tielet li hu impossibbli ghal Malta li taghti facilitajiet militari lil xi hadd barrani jekk dawn il-facilitajiet mhux se jkunu jintuzaw ghad-difiza ta' Malta stess u fi zminijiet li jidhirlu li jkun hemm bzonn il-Gvern Malti biex jilqa' xi theddida. Wara li gew mistharrga d-dettalji kollha l-Kabinett qabel unanimament mal-linja li hadet id-delegazzjoni Maltija.

PROVVISTA TA' ZEJT (Arabja Sawdija u Qatar)

Il-Prim Ministru flimkien mal-Ministru ta' l-Izvilupp, il-Legal Adviser u l-Kap tal-Foreign Office, infurmaw lill-Kabinett li, wara hafna tahbit u hafna delegazzjonijiet, Malta rnexxielha li taghmel ftehim ma' l-Arabja Sawdija (Petromin) ghal tlett snin, bl-OPEC price, ghall-"crude" li jaqdi l-bzonnijiet ta' Malta kollha. Biex dan seta' isehh kien hemm bzonn ukoll, bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi, tal-Financial Secretary u ta' l-Awditur, li ghall-ewwel darba Malta taccetta li thallas kummissjoni ta' 3% lill-kumpannija ta' l-Arabja Sawdija li dwarha l-Finanzi u l-Awditur ghandhom id-dettalji kollha. Il-Kabinett qabel ma' dan u ferah lil shabu li b'hekk hlisna mill-ikbar ugih ta' ras ghax il-ftehim tal-Libja kien spicca u zejt kellna

3/...

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

sa l-ahhar ta' Gunju. Il-Kabinett gie mgharraf ukoll li l-Qatar kien lest biex jaghtina madwar 65 elf tunnellata "crude" bil-prezz ta' l-OPEC. Fuq dan il-Gvern ma kellu jhallas ebda kummissjoni. L-ewwel provvisti taz-zejt kellhom jigu mill-Gulf fl-ewwel gimgha ta' Lulju. Il-Kabinett ferah ukoll li mal-Qatar ghandna relazzjonijiet hekk tajba.

IT-TARZNA (Red China Dock)

Il-Kabinett iddiskuta l-kwistjoni tat-Tarzna u nnota li l-kunsill ma kienx accetta diversi proposti li kienu saru minn naha tal-Gvern dwar ir-'Red China Dock'. Il-Prim Ministru qara l-ittra, bid-data tat-23 ta' Mejju 1980, li kien ircieva minghand il-kunsill u t-twegiba li hu kien baghat lill-kunsill dak in-nhar stess. Il-Kabinett qabel li l-Prim Ministru ma kellux jilqa' t-talba tal-kunsill biex jiltaqa' mieghu u qabel ukoll mal-proposta li l-Prim Ministru jiltaqa' mal-membri tal-Kumitati tax-Xoghol tat-Tarzna, mar-rapprezentanti tal-Union u ma' dawk kollha li ghandhom x'jaqsmu max-xoghol tat-Tarzna.

11/7/80.
........................ Segretarju tal-Kabinett

........................ Chairman tal-Kabinett

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA